

Brussell, 20 ta' Settembru 2024
(OR. en)

13481/24

SOC 658
EMPL 441
ENER 425
ENV 886
RELEX 1122

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)/Kunsill
Suġġett:	Wegħda dwar stili ta' ħajja sostenibbli, ġustizzja u aċċess għal teknoloġiji ta' enerġija nadifa - Summit Ministerjali dwar l-Enerġija Nadifa - <i>Awtorizzazzjoni biex jiġi nnegozjat strument mhux vinkolanti</i>

1. Fil-11 ta' Settembru 2024, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill nota ta' informazzjoni li tistabbilixxi l-intenzjoni tagħha li tniedi kampanja li tinkludi wegħda dwar stili ta' ħajja sostenibbli, ġustizzja u aċċess għal teknoloġiji ta' enerġija nadifa, fl-okkażjoni tas-Summit Ministerjali dwar l-Enerġija Nadifa, li ser isir bejn it-30 ta' Settembru u l-4 ta' Ottubru 2024 f'Foz do Iguaçu, il-Brażil. In-nota ġiet iċċirkolata lid-delegazzjonijiet fid-dokument 13312/24.
2. Il-Kummissjoni biħsiebha twettaq negozjati dwar il-wegħda msemija hawn fuq u tiffirma l-istrument f'isem l-Unjoni Ewropea. Iż-żmien indikattiv għall-iffirmar tal-istrument huwa t-tielet trimestru tal-2025, fis-Summit Ministerjali dwar l-Enerġija Nadifa 2025. Il-wegħda ttipprovdi linji gwida dwar kif għandhom jiġu promossi stili ta' ħajja sostenibbli u ġustizzja fit-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa.
3. Huwa mifhum li fi tmiem in-negozjati l-Kummissjoni ser tfittex l-awtorizzazzjoni tal-Kunsill biex tiffirma l-istrument f'isem l-Unjoni.

4. Fis-17 ta' Settembru 2024, il-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Soċjali eżamina n-nota ta' informazzjoni tal-Kummissjoni u rċieva aktar informazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-istrument previst. Ma tqajmet l-ebda oġġezzjoni mid-delegazzjonijiet rigward l-approċċ propost mill-Kummissjoni.
5. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jirrakkomanda lill-Kunsill jawtorizza lill-Kummissjoni tinnegozja, f'isem l-Unjoni Ewropea, il-wegħda dwar stili ta' ħajja sostenibbli, ġustizzja u aċċess għal teknoloġiji ta' enerġija nadifa.
